MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 595/2002

**Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi**

**vs**

**John Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Ottubru 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' elf, seba' mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM1,729.76,0) rapprezentanti d-danni sofferti mill-Gvern ta' Malta, hekk kif rapprezentat mill-**

**istess attur, fl-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, nhar it-tnax (12) ta' Dicembru, tas-sena 2000, meta l-konvenut, bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TOW-485, baqa' diehel gewwa vettura tal-Gvern bin-numru ta' registrazzjoni GVH-251;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-pretensjonijiet attrici kif dedotti huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident de quo kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-vettura GVH-251 propjeta' tal-Gvern ta' Malta, u dan kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2002 u fih kienu nvoluti impjegat fid-Dipartiment li ghalih hu responsabbli l-attur, certu Carmelo Farrugia, li kien qed isuq il-vettura tal-marka Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni GVH-251 propjeta' tal-Gvern ta' Malta, u l-konvenut John Vella li kien qed isuq it-"truck" TL tal-marka Bedford bin-numru ta' registrazzjoni TOW-485;**

**2. Illi l-incident de quo sehh ghall-habta tad-9.15 ta' filghodu fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, kif jidher anke mir-rapport tal-pulizija u mill-iskizz pprezentati fl-atti ta' din il-procedura;**

**3. Illi skond ix-xufier tal-vettura tal-attur irrizulta li meta dan wasal il-Marsa fit-triq fuq indikata hdejn il-fabbrika tas-sulfarini, xeghel l-"indicator" u mar jiehu postu fuq il-lemin tar-"roundabout";**

**4. Illi hekk kif dan ix-xufier beda jsuq jara quddiemu f'daqqa wahda "truck", u ghalkemm ipprova jevitah l-impatt kien inevitabbli;**

**5. Illi minn naha tieghu l-konvenut isostni li hu kien gej lejn il-"by-pass" mid-direzzjoni ta' Santa Venera u meta gie biex idur lejn ir-"roundabout" ta' hdejn il-fabbrika tas-sulfarini, wara li xeghel l-"indicator" ra li ma kien gej hadd u addirittura hareg anke idejh biex jindika li kien ser idur, hass it-"truck" jiehdu minn wara u waqaf;**

**6. Illi hekk kif waqaf jirrizulta kif jghid l-istess konvenut: "fil-pront baqa' diehel l-iehor go fija", (ara fol 22);**

**7. Illi z-zewg protagonisti jaqblu li l-art kienet imxarrba;**

**8. Illi d-danni sofferti mill-attur gew debitament ipprovati b'dokumentazzjoni appozita;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi mill-analizi tal-fatti kif fuq sintetikament esposta jirrizulta li l-incident kien wiehed inevitabbli;**

**Illi din l-inevitabbilita' hi kagun tal-fatt li l-konvenut, ghal xi raguni jew ohra li ma tirrizultax, tilef il-kontroll tal-vettura minnhu misjuqa u konsegwentement holoq emergenza subitanea;**

**Illi konsegwentement l-impatt bejn il-vetturi in dizamina kien wiehed inevitabbli;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li l-kawza primarja ta' l-incident tirrizulta li kienet il-kondotta tal-konvenut li tilef il-kontroll tal-vettura minnhu misjuqa u spicca jostakola karreggjata biex mhux biss interrompa l-fluss tat-traffiku li kien miexi f'dik il-karreggjata, izda kien ta' ostakolu brusk ghall-istess fejn ix-xufier ta' l-attur sab ruhu rinfaccat b'emergenza li bl-ebda mod ma jirrizulta li seta' jevita;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespigni l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talba ta' l-attur u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut John Vella unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont minnhu indikat fl-avviz li ta bidu ghal din il-procedura u cioe' fl-ammont ta' elf seba' mija u disa' u ghoxrin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM1,729.76,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut John Vella biex ihallas lill-attur id-Direttur tad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi l-ammont hekk likwidat, u filwaqt li taghmel referenza ghall-artikolu 177 tal-Kap 12 tikkundanna wkoll lill-konvenut biex ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------